SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IS-SITT KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 15-13

Illum It-Tnejn, 24, ta' Ġunju 2013

Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fl-4.30p.m.

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrance Ellul u l-Kunsilliera: Joe Bonello, Caroline Galea u Victor Camilleri

## ASSENTI

Ħadd

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru CM 14-13 li saret nhar it-Tnejn 27 ta' Mejju 2013 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 Mill-Minuti

### *1.1.1 Residenti li jridu jifdu ċ-ċens tal-garaxx tagħhom*

Il-Kunsillier Joe Bonello rrefera għal minuta 4.1 tal-laqgħa preċedenti u staqsa kienx hemm xi żvulupp fir-rigward tat-talba tar-residenti hawn fuq imsemmija. Is-Sindku wieġeb li hu nfurmat li dawn ir-residenti ser jiġu kkuntatjati mill-awtoritajiet ikkonċernati.

### *1.1.2 Proġett ta' rinovazzjnoni ta' Ġnien is-Serenita'*

Il-Kunsilliera Caroline Galea staqsiet jekk kienx hemm xi data stabbilita' ta' meta ser jibda x-xogħol fuq dan il-proġett. Is-Sindku qal li data eżatta għad m'hemmx. Huwa qal ukoll li hu jaf biss li kien hemm xi dewmien fil-ħruġ tal-*visa* biex jinġiebu sitta u erbgħin ħaddiem miċ-Ċina.

### *1.1.3 Proġett ta' l-ATM*

Il-Kunsillier Victor Camilleri staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-proġett ta' l-ATM il-ġdida. Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva lis-*screening letter* tal-*Mepa* fejn intalab iħallas is-somma ta' €512.00 bħala *processing fees*. Huwa qal li din lis-*screening letter* ser titressaq għal attenzjoni tal-Kunsill waqt din il-laqgħa biex tiġi approvata l-ispiża nvoluta.

### *1.1.4 Xogħolijiet*

Is-Sindku ta nformazzjoni dwar diversi xogħolijiet li ssemmew fil-laqgħa preċedenti. Huwa rrefera għal xogħol ta' kisi ta' toroq bl-iskema tal-PPP u qal li l-kumpanija Go kienet ser tirrevedi r-rati li qed toffri ħalli jkun jista' jibda x-xogħol. Il-Kunsillier Bonello staqsa dwar il-Bubble Booth u s-Sindku qal li l-Kunsill għadu ma rċieviex tweġiba wara l-aħħar kommunikazzjoni li kien hemm mal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Huwa qal li kien ser jintbagħt *reminder* dwar it-talba tal-Kunsill. Il-Kunsilliera Caroline Galea staqsiet dwar il-mera li kellha titwaħħal fi Triq tal-Barrani u s-Sindku qal li din kienet twaħħlet nhar it-Tnejn 17 ta' Ġunju 2013. Fir-rigward ta' minuta 6.9 is-Sindku qal li kien ivverifika li fuq in-naħa ta' ġewwa ta' Triq il-Qoton m'hemmx dawl adegwat u l-Kunsill qabel li ssir talba għal dawl ġdid f'din l-*area*.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn is-27 ta' Mejju 2013 u l-24 ta' Ġunju 2013 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 0620/13/O – China Cultural Centre – *Dates for Summer Festival*
- 0614/13/O – Dipartiment Għall-Gvern Lokali – Memo 9/2013 Korsijiet *Lifelong Learning*
- 0652/13/O – Awditur Ġenerali – Rapport fuq il-*Management Letter*

#### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 0652/13/I – Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali – Cirkulari AKL Cirk 39/2013 – Tħawwil ta' Sigar
- 0643/13/I – Cultural Legacy – The legacy of Malta & Gozo book series
- 0736/13/I - Aġenzija Sapport – ittra ta' ringrazzjament
- 0675/13/I – St Thomas More College – kompetizzjoni separazzjoni ta' skart
- 0688/13/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Kors dwar l-*accounts* u l-Finanzi tal-Kunsill.

### 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:*

- SLLC Memo 4/2013 – Tweġiba għall-Management Letter

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0652/13/I il-Kunsill qabel li z-zona ideali fejn jistu jinżeru aktar siġar huwa fuq in-naħa t'isfel tat-Triq ta' Garnaw.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0643/13/I il-Kunsill innota r-rikomandazzjoni tal-Librara tal-Kunsill biex jinxtraw numru ta' kotba dwar l-istorja u l-Kultura tal-Gżejjer Maltin. Il-Kunsill qabel li l-ispiża għal xiri ta' dawn il-kotba tiġi nkulża fil-*budget* li jmiss.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0736/13/I il-Kunsill innota ittra ta' ringrazzjament għal koperazzjoni li wera l-Kunsill waqt attivita' mtella mill-Agenzija Sapport li saret fi Ġnien is-Serenita' u li għaliha attendew ukoll l- Onor. Mary Louise Coleiro Preca u l-Onor. Franco Mercieca. Is-Sindku qal ukoll li għal din l-attivita' li ttellet għan-nies bi bzonnijiet speċjali attendew madwar ħames mitt ruħ.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0675/13/I is-Sindku refera għal inizjattiva dwar l-ambjent li saret mill-iskola St Thomas More College Girls Secondary ta' Santa Luċija bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Huwa qal li f'din l-inizjattiva saret kompetizzjoni bejn il-klassijiet dwar min jissepara l-aktar skart. Is-Sindku qal li ser tiġi organizzata ħarġa f'Għadira Bay għall-istudenti tal-klassi li rebħet din i-kompetizzjoni.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0668/13/I il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu biex ikopri l-ispiża totali ta' €120.00 għal kors ta' taħrig dwar l-*accounts* u l-finanzi tal-Kunsilli li għalih kienu ser jattendu s-Segretarju Eżekuttiv u l-Uffiċċjal Eżekuttiv tal-Kunsill.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0614/O is-Sindku nforma l-Kunsill li d-dati li fihom ser jitella' is-*Summer Film Festival* huma bejn it-30 ta' Awissu 2013 l-1 ta' Settembru 2013. Is-Sindku qal li kien ippropona liċ-Ċentru Kulturali Ċiniż li minħabba l-proġett ta' rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita', din l-attivita' ssir fit-Teatru Ġrieġ fi Pjazza 7 ta' Lulju.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0614/13/O is-Sindku rrefera għall-parteċipazzjoni tal-Kunsill fl-iskema ta' korsijiet tal-Lifelong Learning. Huwa qal li l-Kunsill kien ippropona li jsiru korsijiet bażiċi fil-Malti, Ingliż u Somom. Huwa nforma li dawn il-korsijiet ser isiru fil-librerija pubblika u l-ħinijiet proposti mill-Kunsill huma kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| Malti: | is-Sibt | mit-8.30 a.m sa l-10.30 a.m. |
| Inġliż | it-Tlieta | mill-5.00 p.m sas-7.00p.m |
| Matematika | il-Ġimgħa | mill-5.00 p.m sas-7.00p.m |

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0652/13/O is-Sindku rrefera għall-memo SLLC 4-2013 li nbagħtet lil Kunsillieri kollha u qal lir-rapport fuq il-Management Letter kien inbagħt lil Awditur Ġenerali.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### *4.1 Ilmenti minn Amministraturi fil-Blokks tal-Ġvern*

Is-Sindku informa lil Kunsill dwar ilmenti li waslulu minn Amministratturi f'zewġ blokkijiet partikulari li għadhom ma rċevew l-ebda ħlas dovut lilhom skond il-ftehim li daħlu għalih ma' l-Awtorita' tad-Djar. Is-Sindku qal li jidher li l-ħlas inżamm minħabba xi nuqqasijiet li sabu uffiċċjali ta' l-Awtorita' tad-Djar wara spezzjonijiet li sabu. Is-Sindku qal li hu tal-fehma li r-responsabilta' ta' min ma' jkunx irid jikkopera m'għandniex tintefa' fuq l-Amministratur diment li dan ikun informa l-Awtorita' tad-Djar bil-problema. Huwa qal li kien ser jikteb liċ-Chief Executive Officer dwar dan.

### *4.2 Stedina lil Kunsill*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li rċieva stedina uffiċċjali għal quddiesa li matulha Father Josef Pace ser jingħata l-Ordinazjoni Presbiterali. Huwa qal li l-quddiesa li ser issir nhar l-Erbgħa, 3 ta' Lulju ser tiġi mmexxija mill-E.T. Mons.Pawlu Cremona O.P. fil-Katedral ta' San Gwann. Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill huwa mistieden ukoll għall-ewwel quddiesa solenni ta' radd il-ħajr li ser issir fil-11 ta' Lulju 2013 fil-paroċċa San Piju X f'SantaLuċija. Huwa qal ukoll li wara ser ikun hemm riċeviment fil-Ġnien Ċiniż.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV4575 sa numru BOV4623 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għall-perjodu bejn il-15 ta' Mejju 2013 sa l-14 ta' Ġunju 2013.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru CM14-13.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Mejju 2013 Ammont *Gross* €5018.15

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Euro |
|---|---|---|---|
| ELC Ltd | PKG 57 | Servizz-Mejju 2013 | 2061.50 |
| Owen Borg | SS(57/12/01) | Servizz-Mejju 2013 | 1025.20 |
| Ronald Bezzina | BR (57/12/03) | Servizz-Mejju 2013 | 302.25 |
| Ronald Bezzina | RC(57/10/01) | Servizz-Mejju 2013 | 2888.00 |
| | | | |

## 6. Rapport finanazjarju għall-perjodu – Jannar 2013-Marzu 2013

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat rapport finanzjarju li jkopri l-perjodu hawn fuq imsemmi. Hija qalet li dan ir-rapport ġie mħejji mill-Accountant tal-Kunsill li kienet preżenti għal din il-laqgħa biex tagħti spjegazzjoni tal-qagħda finanzjarja tal-Kunsill għal dan il-perjodu. Fil-kummenti tagħha dwar dan ir-rapport is-Sinjura Debono li kienet qed tirrapreżenta lil D-Consulta, qalet li f'dan il-perjodu l-Kunsill għandu *surplus* €1522.00 li huwa kważi *breakeven* ma dak li daħħal il-Kunsill u dak li nefaq f'dan il-perjodu. Hija qalet li fuq parir ta' l-Awdituri l-*ammonti* li l-Kunsill għad għandu jieħu mill-WSC ġew riversjati. Hija qalet ukoll li minn din is-sena qed tibda tinħadem id-*depreciation* tal-Latrina Pubblika u din ukoll effettwat il-qagħda finanzjarja għal dan il-perjodu. Is-Sindku qal li dan ir-rapport ser ikun qiegħed *online* fuq il-website tal-Kunsill.

## 7. Jum Santa Luċija 2013

### *7.1 Attivitajiet relatati ma' l-Librerija Pubblika*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li fl-okkazzjoni ta' Jum Santa Luċija din is-sena ser jittellu diversi attivitajiet relatati ma' l-Librerija Pubblika. Huwa qal li dawn l-attivitajiet ser ikunu kif ġej:

Il-Ġimgħa, 5 ta' Lulju 2013 – Attivita għat-tfal li tinkludi żjara fi Printing Press u taħdita ma l-awtur Carmel G.Cauchi. Filgħaxija ser issir attivita' għall-adulti li għaliha ser jiġi mistieden l-awtur Charles Micallef St John.

Is-Sibt, 6 ta' Lulju ser jittella' Scrabble Tournament

Il-Ħadd, 7 ta' Lulju ser tittella' Book Fair li magħtulha ser ikun hemm wirja ta' dizzjunarji Maltin u jinbiegħu kotba ġodda u kotba użati.

Is-Sindku qal li qed jitħejjew l-avviżi għal dawn l-attivitajiet li ser ikun fihom id-dettaji kollha u kopja ta' dawn l-avviżi ser tintbagħt ukoll lil Kunsillieri.

### *7.2 Seminar għaż-Żgħażagħ – Vot 16*

Is-Sindku rrefera għas-seminar għaż-żgħażagħ bis-suġġett hawn fuq imsemmi li ser isir nhar is-Sibt, 6 ta' Lulju 2013. Huwa qal li għal dan is-Seminar, li ser isir fis-sala tal-Knisja, ser jiġu mistiedna kelliema mill-Fondazzjoni Żgħażagħ, mill-Moviment Żgħażagħ Partit Nazzjonalista u mill-Alternattiva Demokratika.

### 7.3 Ikla tal-Kunsill fl-okkazzjoni ta' Jum il-lokalita'

Il-Kunsill qabel li ssir ikla ta' l-okkazzjoni ta' Jum Santa Luċija. Is-sindku qal li dettalji dwar din l-ikla ser jingħataw aktar 'il quddiem.

## 8. XOGĦOLIJIET

### 8.1 Manutenzjoni ta' bankijiet

Is-Sindku rrefera għal eżerċizzju ta' manutenzjoni ta' bankijiet tal-injam li għaddej bħalissa u ressaq quddiem il-Kunsill tlett kwotazzjonijiet li jkopru l-manutenzjoni ta' erba' bankijiet quddiem il-każin tal-Partit Laburista liema kwotazzjoni tammonta għal €506.00. It-tieni kwotazzjoni kienet fuq żewġ bankijiet oħra quddiem il-ħwienet f'Dawret it-Torri li tammonta għal €215.00, it-tielet kwotazzjoni tkopri l-erbgħa bankiiet fi Triq San Piju X ħdejn is-Simbjożi liema kwotazzjoni tammona għal €549.88. Is-Sindku qal li barra dawn il-bankijiet kien hemm dawk ta' Pjazza 7 ta' Lulju li wkoll għandhom bżonn ta' manutenzjoni estensiva. Il-

Kunsilliera Caroline Galea semmiet inizjattiva tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar li permess ta' artisti lokali għamlu *street art* fuq il-bankijiet li għandhom fil-lokalita'. Hija qalet li dawn ikkreaw dehra mill-isbaħ u saret ħafna kritika posittiva f'dan ir-rigward. Is-Sindku qal li hu għadu ma rajhomx iżda ġie nutat li biex issir inizjattiva simili dawn il-bankijiet xorta jkollom bżonn li jsirilhom il-manutenzjoni qabel. Is-Sindku semma wkoll il-*murals* li qed isiru f'diversi lokalitajiet u qal li l-Kunsill jista' joħroġ avviż ta' nteress għal artisti li lesti jagħmlu dawn il-murals li jistgħu jsiru bejn blokk I u VII fi Triq il-Ġnien.

### *8.2 ATM f'Dawret it-Torri*

Il-kunsill approva l-ħlas ta' €512.00 bħala processing fee tal-Mepa għal dan il-proġett.

### *8.3 Proġett ta Rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita' – tabelli nformattivi*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li t-tabelli informattivi ta' dan il-proġett ser isiru minn naħa Ċiniża fi tlett lingwi, jiġifieri Malti, Ingliż u Ċiniż.

### 8.4 *Kuntratt ta' Street Lighting*

Il-Kunsill approva it-tiġdid tal-Kuntratt tal-Street Lighting għal perjodu ta' sitt xhur li jiġi fi tmiem tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2013 jew sa kemm il-Kunsill jirċievi struzzjonijiet mid-Dipartiment għal Gvern Lokali fir-rigward. Is-Sindku qal li jawgura li meta d-devoluzzjoni ta' dan is-servizz tgħaddi f'idejn ir-Regjun dan is-servizz jibqa' jingħata bl-istess effiċjenza.

### 8.5 *Jogging Track*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kienet ser issir laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Stefan Buontempo dwar il-proġett ta' kisi tal-Jogging Track b'materjal sintetiku.

### *8.6 Xogħolijiet oħrajn*

Il-Kunsill qabel fuq dawn ix-xogħolijiet u suġġerimenti:

- Fi Triq Katerina Vitale kantuniera ma Triq l-Istefanotis jitressqu l-blokkok tal-konkos fit-tarf tat-triq Stefanotis u ssir mera faċċata fi Triq Katerina Vitale biex jitnaqqas il-periklu.

- F'Dawret it-Torri, il-kaptella tal-konkos li spiss tinkiser għandha ssir tal-ħadid.

- Għandha ssir premura lil Kuntrattur tal-Knis biex jara li fi Triq Kamelja u Triq id-Dalja, fuq wara tal-ħwienet, jinżamm aktar nadif. Is-Sindku ppropona li terġa tiddaħħal l-iskema għat-tfal li kienet marbuta mal-ġbir ta' flixken u li kienet sponsorjata mill-Green Mt. Huwa qal li ser ikun qed jitkellem mal-Green Mt wkoll dwar il-ġbir ta' flixken tal-ħġieġ mid-djar u ħwienet. Huwa temm jgħid li s-sidien tal-ħwienet għandhom jiġu mitluba biex jikkoperaw.

- Il-*gutters* li jilqu l-ilma tax-xita fi Triq Prinjoli għandhom bżonn jiġu mnaddfa.

- Issir laqgħa ma' l-Kap ta' l-Iskola St.Thomas More College Girls' Secondary Santa Lucija biex tiġi ċċarata l-problema tal-parking fi Triq Kaħwiela

- Fuq talba tar-Residenti ta' Blokk B il-ħwat li hemm quddiem il-blokk għandhom isiru tal-konkos.

## 9. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fis-6.00 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 8 ta' Lulju 2013 fit-3.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum <u>.........................,...... ta' ........................ 2013</u>**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**